# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018**

**Talba Nru: 318/17 CZ**

**Joseph Mifsud (ID 544765 (M) u David Mifsud (ID 63370 (M)**

**vs.**

**Alfred Spiteri (ID 494658 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-atturi mressqa fid-19 ta' Lulju 2017 fejn talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, disa' mija u hamsin Euro (€1,950) u ppremettew:

Illi peress illi l-intimat obbliga ruhu jħallas lil Joseph Mifsud (missier ir-rikorrenti, illum mejjet u intiret mir-rikorrenti Joseph Mifsud u David Mifsud) is-somma ta` €5,500 li kellha titħallas permezz ta` pagamenti mensili ta` €150 fix-xahar.

Peress illi minn dan l-ammont għad fadal bilanċ ta` €1,950 flimkien mal-interessi relattivi mid-data tal-preżentata tal-avviż sad-data ta` pagament effettiv. Illi l-intimat interpellat biex jħallas baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi fis-seduta ta’ l-14 ta’ Marzu 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' elf, disa' mija u hamsin Euro (€1,950) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur